MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 661/1997/1

Mario Tabone
vs
Direttur Generali Ministeru tal-Gustizzja u b'digriet tad-19 ta' April 1999 gie korrett ghal Direttur Generali tal-Qorti u Ministeru tal-Gustizzja

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1994 huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit ingustament.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa dahal jahdem il-Qorti bhala Clerk I, fl-1979.

Illi huwa sar Executive Officer fl-1 ta' Dicembru tal-1990 u kien iservi ta' Assistent Deputat Registratur fl-Awla tal-

Kriminali, kif ukoll Appelli Inferjuri. Bl-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern sar Deputat Registratur f'Novembru tal-1991.

Fl-1993, kien hemm persuna li giet imbuttata biex mir-Registru tal-Magistrati titla' fuq fir-Registru tal-Kriminal. Dak iz-zmien dan ir-Registru kien taht ir-rikorrent. Minn dak iz-zmien 'il quddiem, sehhew serje ta' incidenti sabiex hu jigi mdejjaq u jaghmel wisgha ghal haddiehor.

Fil-11 ta' Marzu 1994 huwa gie trasferit ghall-Arkivju Superjuri. Dan wara kwazi 15-il sena servizz f'dak id-dipartiment. Din ghalih kienet mossa degradanti li mhux biss serviet biex jaghmel il-wisgha lil haddiehor u biex jumiljah izda wkoll tellfitu sensiela ta' Overtime li kien qieghed jaghmel meta kien ghadu fil-Kriminal. Hu hass li gie trasferit ingustament minhabba t-twemmin politiku tieghu u b' hekk sofra ingustizzja f' li sofra danni morali u finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kumpensat ghal dak kollu li huwa garrab u gie mtellef ingustament skond kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens li joghgobha taghti l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-Qorti li ecceppixxa:

Illi huwa rcieva rikors li fih qed jigi allegat illi saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent mid-Direttur Generali tal-Qrati.

Illi d-Direttur Generali tal-Qrati jopponi bis-shih ir-rikors stante li m'hu minnu xejn illi saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent.

Illi t-transfer minn section ghal ohra fl-istess dipartiment hija prerogattiva tal-Kap tad-Dipartiment u konsegwentement ma saret l-ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent meta huwa gie trasferit minn section ghall-ohra u dan skond l-esigenzi tas-servizz.

Illi f'kull kaz ma ghadha giet ipprezentata l-ebda prova konkreta dwar l-allegata diskriminazzjoni.

Ghaldaqstant l-intimat talab lit-Tribunal biex jichad it-talba.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra r-risposta tal-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali li ecceppixxa:-

Illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12.

Ra l-lista tax-xhieda tal-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li hu qabel ma gie trasferit fl-Arkivju Superjuri u fl-Arkivju tal-Magistrati, kien inkarigat mir-Registru tal-Kriminal u tal-Appelli Kriminali, kif ukoll kien Deputat Registratur. Qal li hu kien qed jinnota certi affarijiet biex jitnehha mill-ufficcju msemmi.

Spjega li darba kien inqala’ incident ma’ Oscar Calafato, li kien itella l-cash kulljum fl-Accounts Section, u qal li kien qed jinnota li kemm qabel u kemm wara t-3p.m., il-hin li jinghalaq il-cash, Calafato kien jillarga mill-ufficcju u jdum ma jmur lura. Semma li meta r-rikorrent kien qal lil Calafato biex itella’ l-flus, hu sabbat il-‘cashbook’, u qal li ma jiehux ordnijiet minghand ir-rikorrent. Zied ighid li dan kien gara fil-prezenza ta’ Joe Sammut.

Qal li eventwalment hu gie mitlub jirrapporta fl-ufficcju tal-Assistant Head, is-Sur Cacciatolo, fejn qallu li mhux dekor tieghu li jibqa’ fis-sezzjoni tal-Kriminal ghax kien hemm xi ghajjat, u ghalhekk kien ser ikun trasferit fl-arkivji. Qal li hassu umiljat meta ntbaghat fl-Arkivji tal-Magistrati peress li hemmhekk ukoll, kien hemm wiehed li kien fattiga u kien jaghmel dan ix-xoghol. Semma wkoll, li hu kien qed jaghmel l-istess xoghol ta’ fattiga, kien jitla’ s-slielem u jnizzel il-volumi, u jaghmel fotokopji mill-volumi, u qal li kien ghamel tlett xhur wahdu minghajr ghajnuna. Zied ighid li dak iz-zmien li hu kien fl-arkivju, intbaghat ma’ zewg Magistrati differenti ghal zmien qasir, u kien qed jaghmel xoghol ta’ Deputat Registratur. Spjega li minbarra dawn iz-zewg arkivji kien hemm iehor isfel nett li kien maghluq, u jinfetah biss meta jkun hemm il-bzonn. Qal li ohrajn kienu jirrifjutaw li jinzlu f’dan l-arkivju, peress li kien mitluq, u kienu jibzghu li jigdmu xi berghud, izda hu xorta kien jinzel. Semma li iktar tard fl-ahhar tal-1995, kien gie avvicinat minn Dr. Kevin Aquilina, biex ikun fuq Bord ta’ Inkjesta ma’ Dr. Philip Sciberras, u kien ha sehem f’ xi seduta bhala Deputat Registratur.

Zied ighid li s-Sur Sammut li diversi drabi jidhol u jcaqlaq il-processi u ghalhekk kien ikollu xi ighid. Semma incident iehor li kien sar jaf li f’okkazzjoni wahda, kienu dahlu jaraw l-esebiti minn wara dahru. Hu kkonferma l-incident ta’ Calafato kif imnizzel fl-affidavit u qal ukoll li Sammut kien qallu li s-Sur Tony Polidano, ried jehodlu postu fil-Kriminal. Spjega wkoll li meta kien dahal Clerk, kien hu li jtella’ l-flus u wara beda jtellaghhom Calafato, izda din id-decizjoni kien hadha l-officer in charge, is-Sur Sammut.

Xehed Dr. Joseph Brincat li qal jaf lir-rikorrent bhala wiehed mill-istaff ta’ l-Awla tal-Kriminal, imbaghad iktar ricenti fl-arkivju tal-Qorti. Spjega li meta kien fl-Awla tal-Kriminal, kien l-iktar wiehed li konsistentement kont issibu hemmhekk. Izda qal li xorta ma jahsibx li r-rikorrent kellu l-akbar popolarita` fl-ambjent, ghax kien jilmenta li l-impjegati hemm kienu jaqbdu u jwarrbuh.

Xehed Joseph Zammit li qal hu jigi mghajjat bhala perit tekniku l-Qorti diversi drabi. Qal li kien jattendi fl-ufficcju tal-Awla tal-Kriminal, u lir-rikorrent jafu. Iddeskriva lis-Sur Tabone bhala bniedem integru, jaqdi lil kulhadd, u qatt ma semghu jilmenta fuq xogholu. Qal ukoll li r-rikorrent kien efficjenti fuq xogholu, u kien tip ta’ bniedem li jekk ikollok problema jipprova jghinek.

**KONKLUZJONIJIET:**

Il-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12. L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li “Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f’ idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali huwa wiehed mill-intimati. Ghalhekk il-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali mhux il-legittimu kontradittur. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi jirrizulta car li r-rikorrent kien gie trasferit. Gie eccepit mill-intimat Direttur Generali tal-Qorti li t-transfer minn section ghall-ohra fl-istess dipartiment hija prerogattiva tal-Kap tad-Dipartiment u konsegwentement ma saret l-ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent meta huwa gie trasferit minn section ghall-ohra u dan skond l-esigenzi tas-servizz. Dan it-Tribunal ma jaqbilx ma tali sottomissjoni li din hija xi prerogattiva assoluta u insindakabbli. Certament li biex il-Kap tad-Dipartiment imexxi d-Dipartiment hu ghandu l-fakulta` li jqassam lin-nies fid-Dipartiment tieghu bl-ahjar mod possibbli izda dan id-dritt ma jistax jigi ezercitat b' xi mod kapriccuz jew mhux fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni.

Dwar transfer u ezigenzi tas-servizz it-Tribunal fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Irrizulta li r-rikorrent huwa bniedem integru u anke haddiem izda anke rrizulta li ma jgawdix popolarita` zejda mal-kollegi tieghu fuq ix-xoghol u ghalhekk jinkombi fuq l-intimat Direttur Generali tal-Qorti li jassenjalu dawk id-doveri li fil-fehma tieghu l-aktar li jwasslu ghal efficjenza fid-Dipartiment. Ma giet pruvata fil-konfront tal-intimat ebda intenzjoni malizzjuza jew vendikattiva. Ma rrizultax li l-ambjenti fejn gie assenjat ghax-xoghol kienu b' xi mod

ferm aghar minn postijiet ohra. Huwa veru li l-Arkivju ma jipprovdix l-ahjar post fejn wiehed jahdem izda minn naha l-ohra ma hux xi post ta' kastig.

Fil-fehma tat-Tribunal ir-rikorrent ma rnexxilux jipprova li saret xi serje ta' transfers (jew anke wiehed) b' xi intenzjoni ta' umiljazzjoni tar-rikorrent jew mohqrija tieghu. Jidher li l-intimat agixxa bil-mod kif agixxa biex fil-fehma tieghu jezercita d-diligenza li suppost jaghmel billi jalloka lin-nies taht ir-responsabbilta` tieghu bl-ahjar mod possibbli u t-Tribunal ma jsib xejn partikolari x' jiccensura fl-operat tal-istess intimat, u ghaldaqstant jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat Direttur Generali tal-Qorti.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------